MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 45

26 ta' Ottubru 2015

Minuti tas-seduta Nru. 45 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2015 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier D. Vella. Is-Sur D. Vella kien indispost. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini u l-Viċi Sindku C. Bartolo ġibdu l-attenzjoni għall-minuti 2.2.2. u 2.2.5. (Ref: A/9), rispettivament u talbu li jiġu emendati kif jidher hawn taħt:

"*2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 12.2. tas-seduta ta' qabel u għarfet lill-Kunsill li kellha kuntatti ma' żewġ individwi li qalulha li hemm min jaħdem b'sistema ta' kupuni li jgħadduhom lil persuni li jirrapportaw każi fejn intervent huwa meħtieġ. Dawn jgħadduhom lill-veterinarji li jipprovdu s-servizz li ssussegwentement jiġu ritornati lill-Kunsill sabiex isir il-ħlas. Fl-istess kuntatti ssemmiet ir-rata ta' €35 kull intervent, li tkopri wkoll għall-perjodu ta' konvalixxenza tal-qtates li jiġu trattati.*".

"*2.2.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju m'għandhomx jiġu kkuntattjati direttament veterinjari, jew NGO's direttament, iżda għandu jsir avviż fil-magazin "Mill-Qiegħa" bil-għan li ssir laqgħa ma' persuni li jħobbu l-annimali.* ".

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emendi t'hawn fuq, u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Laqgħa ma' Green MT Ltd (K/6/11)(K/6/2/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret mas-Sur J. Attard – Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd fid-9 ta' Ottubru 2015. Huwa qal li rapport tagħha qed jiġu mehmuża ma' dawn il-minuti bil-punti ewlenin li ġew trattati kienu:

a) Tibdil fil-ġranet li fihom isir il-ġbir tal-borża l-griża bieb bieb;
b) Sistema ta' *Tracking* tal-Vetturi li jiġbru l-iskart riċiklabbli;
c) Ġbir ta' Skart Riċiklabbli mill-Bajja tal-Għadira;
d) Proviżjoni u mmaniġġjar ta' kontenituri fl-Aħrax
e) Attivita' edukattiva fil-Mellieħa;
f) Ġbir tal-ħġieġ bieb bieb;
g) Żjarat Edukattivi fl-Iskejjel;
h) Tqassim ta' *vouchers* lir-residenti;
i) Ġbir ta' fliexken tal-ħġieġ mill-Istabbilimenti tal-ikel u x-xorb; u
j) *Cameras* fejn il-*bring-in sites*.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-*item* (a) u qal li sa Jannar 2016 ma jista' isir ebda tibdil fil-ġranet tal-ġbir, peress li sa dak ix-xaħar ser ikun għaddej proġett pilota dwar il-ġbir tal-iskart organiku flimkien ma' numru ta' kunsilli lokali ta' popolazzjoni varjata.

2.1.4. Dwar l-*item* (e), is-Sindku ppropona li tista' issir attivita` nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru 2015 meta jistgħu jitqassmu boroż griżi, kif ukoll jinġabru affarijiet riċikklabbli bħalma huma ħwejjeġ, *hand bags* u żraben. Din tista' issir f'Misraħ il-Parroċċa.

2.1.5. Il-Viċi Sindku kkummenta li l-ġbir tal-iskart riċikklabbli qed jieħu ħin twil u għalhekk ippropona li jsir b'żewġ *scammels* li jibdew fis-7.00am bħalma jsir fil-każ tal-borża s-sewda. Is-Sindku wieġeb li attwalment qed ikun hemm wieħed biss li jibda proprju fis-7.00am u x'ħin jimtela' jinstaq lejn l-impjant ta' Sant' Antnin u f'xid-9.30am jiġi lura u jinaqagħad miegħu *scammel* ieħor.

2.1.6. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk huwiex possibbli li jsir servizz ta' ġbir tal-ħġieġ minn bars u stabbilimenti li jservu l-ikel. Is-Sindku wieġeb li huwa fil-fatt ressaq din il-proposta, iżda jeħtieġ li dawn jitħallew ġewwa sakemm jinġabru minħabba l-kwantita` li jkun hemm.

### 2.2.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarfet lill-Kunsill li l-laqgħa għal dawk il-persuni li jħobbu l-annimali ser issir fis-Sala tal-Kunsill fis-26 ta' Novembru 2015 fis-7.00pm.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Lejla mużiko-letterarja (A/5/5/Vol VIII)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u qalet li r-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-poeżija kien Luke Muscat bil-poeżija "Jien".

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.3.4. Is-Sindku kkummenta li f'dan it-tip ta' attivitajiet m'għandux ikun hemm l-element ta' kompetizzjoni, għar-raġuni li meta jkun hemm tfal involuti, x'aktarx li jirċievu għajnuna mill-ġenituri, jew minn xi persuna adulta. L-għan għandu jkun li t-tfal jiġu attirati lejn il-qasam letterarju.

2.3.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-attivita` li jmiss issir fix-xhur tas-Sajf bil-għan li ssir fil-miftuħ.

2.3.6. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li wieħed irid joqgħod attent li fis-Sajf ma jkunx hemm iffullar ta' attivitajiet kemm dawk tal-Kunsill, kif oħra ta' entitajiet oħra.

## 2.4.1. Arranġamenti tat-traffiku b'rabta ma' l-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)( S/3/1/1)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 23.9. tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-fatt li l-passaġġi li saru quddiem l-iskola bħala parti mir-rinovar tal-istess bini, ġew imblukkati biex ħadd ma jgħaddi minnhom.

2.4.3. Is-Sindku wieġeb li huwa tkellem mal-Kap tal-Iskola dwar dan u ġie nfurmat li sar hekk peress li kien ikun hemm ġenituri li jkellmu għalliema mit-twieqi t'isfel li jħarsu fuq il-passaġġ. Il-Kap tal-Iskola għarrfitu li dan ser jibqa' fis-seħħ sakemm jinbidlu t-twieqi eżistenti ma' oħrajn li jkollhom il-parti t'isfel tagħhom li tkun fissa.

## 2.5.1. Tindif taċ-Ċimiterji (C/7)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta ta' qabel. Kompla jgħid li attwalment qed isir xi xogħol ta' manutenzjoni fuq il-kamra użata mid-deffien fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji. Dan talab lill-Kunsill jipprovdilu *skip* sabiex ikun jista' jiddisponi mit-terrapien li qed jiġi ġġenerat. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li ċ-ċimiterju huwa proprjeta` pubblika, filwaqt li d-deffien qed jagħmel ix-xogħol fuq bażi volontarja.

2.5.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 2.6.1. Servizz ta' messaġġi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (E/3/1/11/Vol II)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-persuna li wriet interess li tagħti servizz privat ta' *body massage*, kura tad-dwiefer eċċ fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, fil-fatt għamlet kuntatt dirett mad-direzzjoni tal-istess ċentru.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)

2.7.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-*league* tas-snooker individwali ser jibda fis-26 ta' Ottubru 2015. Qed jikkompetu erba' timijiet – Għaqda Mużikali Imperial; Sports Club; Ċentru Laburista, u Selmun Bar, filwaqt li rreġistraw 22 plajer. Is-Sur H. Fenech qal li tad-*doubles* ser jibda aktar tard.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 22/10/15;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash*;
- Skeda ta' Pagamenti – 03/10/15 – 22/10/15;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti ta' laqgħa ma' Green MT Ltd – 09/10/15;
- Reviżjoni tal-*Bye-Laws* 37/2/2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ;

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. *Pill Boxes* fl-Imġiebaħ (A/6/7)(A/6/7/3)

4.1.2. Saret referenza għall-imejl datat 10 ta' Settembru, mibgħut mill-Mellieħa Scout Group sabiex jieħdu taħt idejhom żewġ *pill boxes* li jinsabu fin-naħa ta' fuq tal-Wied tal-Imġiebah bil-għan li jirrestawrawhom u jużawhom għall-attivitajiet li jorganizzaw.

4.1.3. Is-Segretarju kkummenta li waħda mill-*pill boxes* indikati hija diġa devoluta (*Tenement* E26331) lill-Kunsill u tifforma parti mill-*heritage trail* li t-tmexxija tiegħu ġiet fdata lill-Fondazzjoni ARKEO.

4.1.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-*pill box* li tinsab fuq in-naħa tal-Qortin tingħata lill-Mellieħa Scout Group. Kien hemm qbil ukoll li d-*defence post* li hemm fi Triq l-Għollieqa (*Tenement* E20334) tista' tiġi offruta sabiex tintuża għall-attivitajiet tal-i*scouts*.

### 4.2.1. Attivita` f'Selmun mtella' mill-Fondazzjoni ARKEO (P/10/3/A)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 25 ta' Ottubru 2015, fejn il-Fondazzjoni ARKEO talbet sabiex tingħalaq dik il-parti ta' Triq Selmun li tiġi bejn l-irziezet u ċ-ċikken bil-għan li ttellagħa teatrin is-Sibt 30 ta' Ottubru u l-Ħadd l-1 ta' Novembru 2015.

4.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jsiru barrikati u tabelli qrib il-parti li ser tingħalaq. Peress li l-Fondazzjoni għandha ftehim mal-Kunsill biex tmexxi l-*heritage trail* ta' Selmun kien hemm qbil li għandhom ikunu eżenti mill-ħlas marbut mal-ħruġ tal-permess.

### 4.3.1. Sejħiet għall-Istimi 2/2014 u 3/2014 - Kiri u nstallazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier matul il-perjodu tal-festi marbuta mal-Milied 2015 u l-Ewwel tas-Sena 2016 (T/4/15)

4.3.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħiet imsemmija għalqu fit-22 ta' Ottubru 2015 f'nofsinhar u nfetħu mmedjatament wara u skeda tal-istimi ġiet mgħoddija lill-offerenti u lill-membri kollha tal-Kunsill.

4.3.3. Irriżulta li kien hemm żewġ offerti minn żewġ kuntratturi differenti, li kkwotaw kif jidher hawn taħt:

| **Sejħa Nru. 2/2015 – Triq Ġorġ Borg Olivier** | **Ammont ikkwotat inkluż 18% VAT** |
|---|---|
| Mica Med Ltd | €4,650.00 |
| Carl Caruana | €4,000.00 |

| **Sejħa Nru. 3/2015 – Triq il-Kbira** | **Ammont ikkwotat inkluż 18% VAT** |
|---|---|
| Mica Med Ltd | €2,360.00 |
| Carl Caruana | €2,000.00 |

4.3.4. Ġie nnutat li l-offerent Carl Caruana ta l-qisien fuq ir-ritratti tad-dwal li kkwota, filwaqt li Mica Med Ltd ma nkludewhomx. Apparti dan, ġie nnutat ukoll li l-isfond tat-tiżjin kkwotat minn Mica Med Ltd, fil-għajn jidhru aktar mimlijin. In vista ta' opinjonijiet differenti dwar id-disinji li ġew sottomessi, il-Kunsill kien tal-fehma li Mica Med Ltd għandhom jintalbu sabiex jgħaddu l-qisien ta' kull biċċa kkwotata.

### 4.4.1. Sejħa għall-istimi Nru. 1/2015 – Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

4.4.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa imsemmija għalqet fit-22 ta' Ottubru 2015 f'nofsinhar u l-offerti nfetħu mmedjatament wara, filwaqt li skeda tagħhom ġiet mgħoddija lill-offerenti u lill-membri kollha tal-Kunsill.

4.4.3. Irriżulta li kien hemm l-offerti segwenti:

| **Offerent** | Rata kull vjaġġ bir-ritorn fil-lokalita` tal-Mellieħa **( VAT inkluża)** |
|---|---|
| Paramount Garages | €43.00 |

| | |
|---|---|
| Silver Star Transport Ltd | €35.40 |

4.4.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offerent Silver Star Transport Ltd irtiraw l-istima tagħhom permezz ta' imejl datat 22 ta' Ottubru 2015 mibgħut fl-10.53am.

4.4.5. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' *purchase order* lill-Paramount Garages.

**4.5.1. Tifkira tal-memorja ta' Godfrey Wettinger (S/3/7/Vol IV)(P/4/11/Vol II)**

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 25 ta' Settembru 2015 mibgħuta mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onor. Evarist Bartolo dwar il-proposta li l-sala tal-Iskola Primarja tissemma "Sala tal-Komunita` Professur Godfrey Wettinger". Il-Ministru qal li s-sala tal-iskola primarja għandha tissemma "Sala Professur Godfrey Wettinger" u għaldaqstant l-amministrazzjoni tal-iskola għandha tieħu ħsieb tagħmel l-isem maż-żewġ entraturi tal-istess sala.

4.5.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li minn kuntatti li kellu mal-Ministru, jidher li hemm l-intenzjoni li jsir bust tal-Professur Wettinger f'post prominenti bħalma huwa Ġnejnet l-Emigranti Mellieħin.

4.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.6.1. Premju Frans Sammut (N/1/Vol II)**

4.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-imejl datat 26 ta' Ottubru 2015, fejn il-Kunsill ġie mħeġġeġ iressaq in-nomina tiegħu bħala Kunsill għall-Premju Frans Sammut, Kategorija B. Hija spjegat li jeħtieġ tiġi ppreparata lista tal-attivitajiet li kien involut fihom il-Kunsill tul l-aħħar snin biex ixxerred l-użu tal-ilsien Malti fl-oqsma kollha tal-ħajja bħalma huma attivitajiet soċjokulturali; serati letterarji; ismijiet ta' toroq, ġonna, parks; sinjali u tabelli fit-toroq bil-Malti; il-fuljett jew rivista tal-Kunsill eċċ. Din jeħtieġ tinkludi dati, postijiet, ritratti, fuljetti, programmi ta' serati/attivitajiet, filmati u dak kollu li jista' jitqies bħala evidenza. L-applikazzjonijiet jagħlqu fil-11 ta' Novembru. L-ewwel premju huwa ta' €1,500, it-tieni €1,000 u t-tielet, €500.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jieħu sehem.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 22 ta' Ottubru 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tresqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-13 ta' Awwissu u s-6 ta' Ottubru 2015.

6.3. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-3 ta' Ottubru u t-22 ta' Ottubru 2015.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

7.2. Dan l-*item* tħalla għas-seduta li jmiss peress li l-konsulent legali ma kienx preżenti.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo, illi tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` konkos ta' diversi gradi in konnessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq u xogħlijiet oħra;***

*Billi sar rapport tekniku mill-Contracts Manager datat 12 ta' Settembru 2015 dwar iż-żewġ offerti li daħlu sad-data ta' l-għeluq.*

*Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2015 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);*

*Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2015 mal-offerent Central Asphalt Ltd li offrew li jfornu u jitrasportaw il-materjal skont ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.". (D/3/1/Vol V)*

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Attard illi tgħid:

*"Billi saret sejħa għall-offerti skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` Dense Coated Mixes meħtieġa għall-manutenzjoni tat-toroq;*

*Billi sar rapport tekniku mill-Contracts Manager datat 12 ta' Settembru 2015 dwar iż-żewġ offerti li daħlu sad-data ta' l-għeluq.*

*Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2015 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);*

*Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b'effett mill-1 ta' Novembru." (D/3/1/Vol V)*

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:

*"Billi permezz ta' ittra datata 3 ta' Awwissu 2015 is-Sur Jonathan Micallef għarraf lil Kunsill li huwa jixtieq itemm l-impjieg tiegħu mal-Kunsill;*

*Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li m'għandux jixtri servizzi għal xogħol klerikali*

*Billi wara konsultazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Korporazzjoni dwar l-Impjieg uTaħriġ għaddiet lista ta' persuni sabiex jiġu ntervistati mill-Bord tal-Għażla maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 43 tal-14 ta' Settembru 2015;*

*Billi l-Bord tal-Għażla, fir-rapport tiegħu rrakkomanda l-impjieg tas-Sur Christian Mifsud (I.D. 274189M) wara li saru l-intervisti u test prattiku;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mas-Sur Christian Mifsud b'effett mit-12 ta' Ottubru 2015.* (P/7/1/Vol VIII)

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

10.3. Kien hemm qbil ukoll li tinbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Jonathan Micallef.

**11.1. Manutenzjoni u restawr tal-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)**

11.2. Is-Sindku aċċenna li fit-18 ta' Ottubru 2015 ġie rrappurtat li kien waqa' xi ġebel mill-faċċata tal-Batterija ta' Westeme li tħares lejn l-Ahrax. Minn spezzjoni li saret fuq il-post minnu, il-Perit J. Attard, l-Uffiċjal Tekniku fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura, u s-Segretarju, irriżulta li l-azzjonijiet li jridu jittieħdu b'mod immedjat, jinvolvu:

a) Il-ħtieġa li jinġiebu blokki fuq il-post sabiex il-binja tintrifed u ma tiġġarrafx sakemm isir l-intervent meħtieg;

b) Hemm mill-inqas tliet ħitan tal-batterija li l-qoxra ta' barra tagħhom jeħtieġ tinħatt u tinbena mill-ġdid;

c) jitneħħa konkos li sar fit-Tieni Gwerra Dinjija minħabba li l-ħadid ta' ġo fih saddad u xpakka l-istess konkos;

d) jinbidel il-ġebel li tmermer bl-elementi;

e) jitkaħħlu l-fili tal-ħitan kollha fuq barra; u

f) ix-xogħol jrid isir kollu bl-idejn minn fuq *scaffolding* li jeħtieg jintrama madwar il-binja.

11.3. Is-Segretarju qal li sar *hoarding* sabiex ma jersaq ħadd fejn waqa' il-gebel, filwaqt li għaddejjin kuntatti sabiex tiġi mplimentata l-azzjoni (a) mill-aktar fis possibbli. Huwa spjega li ntalbu żewġ stimi sabiex jinkrew 82 blokka tal-konkos bil-għan li jirfdu l-binja , li kienu kif ġej:

| Fornitur | Tip | Daqs (m) | Kirja fix-xahar, mingħajr ġarr u tqegħid fil-post (VAT inkluża) |
|---|---|---|---|
| Central Asphalt Ltd | Konkos | 2m x 1m x 1m | €382.66 |
| Ballut Blocks Ltd | Konkos | 1.2m x 0.9m x 0.3m | €344.40 |

11.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ *purchase order* fuq Ballut Blocks Ltd sabiex jinkrew għall-perjodu ta' tliet xhur.

11.5. Is-Segretarju għarraf ukoll li saru żewġ interpellanzi lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali mill-Onor. Robert Cutajar – PQ 20169 u PQ 20170 – fejn il-Ministru ntalab jikkwantifika kemm hi l-ħsara, kif ukoll intalab sabiex jara li t-tiswijiet meħtieġa jsiru b'mod immedjat, anke jekk ir-responsabilità hi tal-Kunsill Lokali, bil-għan li ma tkomplix issir aktar ħsara strutturali fl-istess binja qabel ix-Xitwa.

11.6. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-perit għadda l-*bill of quantities* tax-xogħol li meħtieġ isir, kif ukoll stima li tammonta għall-€199,610.86. Kompla jgħid li permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2014 huwa kiteb lill-Onor. Owen Bonnici, bħala ministru responsabbli mill-beni kulturali, fejn talbu l-ghajnuna tad-Dipartiment tar-Restawr sabiex flimkien mal-Kunsill jitwettaq ir-restawr mehtieg fil-batterija, liema talba li ma gietx milqugha. Fil-15 ta' Mejju 2015 ħarġet l-Iskema tar-Restawr, pero` il-Kunsill ma setax japplika taħtha, peress li beni devoluti lill-Kunsill ma kinux eliġibbli. Sussegwentement saret talba lill-MEPA sabiex ix-xogħol jiġi ffinanzjat permezz tal-*Environment Initiative in Partnership Programme* (EIPP) u fil-fatt saret anke spezzjoni fuq il-post mis-Sur Joe Magro Conti. Is-Sur J. Buttigieg qal li fuq din it-talba ghadha ma ngħatatx tweġiba.

11.7. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, is-Sur J. Buttigieg qal li huwa mportanti li fl-Estimi 2015 issir rijallokazzjoni ta' fondi, possibilment mill-vot tal-Attivitajiet Kulturali (3370) sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż iniżjali tal-intervent, kif ukoll tibqa' tiġi segwita l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-proġett taħt l-EIPP, filwaqt li ssir sejħa għall-offerti sabiex tiġi stabbilita` l-ispiża reali.

11.8. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li ma għandu jingħata ebda kuntratt, kemm-il darba l-Kunsill ma jkollux somma allokata speċifikament fl-estimi tiegħu li tkopri l-ispiża, jew fin-nuqqas ta' *commitment* finanzjarju mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, jew mill-MEPA.

11.9. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li sakemm jiġi biex jingħata l-kuntratt ikun daħal fis-seħħ il-baġit 2016. Is-Sindku reġa ntervjena billi qal li minkejja illi ssir sejħa għall-offerti, il-kuntratt jista' ma jingħatax, kemm-il darba ċ-ċirkostanzi ma jkunux jippermettu.

## 12.1. Avvenimenti marbuta mal-Milied (A/5/3/6/Vol IV)

12.2. Is-Sindku qal li fid-dawl tal-kontinġenza li nqalgħet b'rabta mal-intervent urġenti li jeħtieġ isir fuq il-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara), li saret referenza għaliħ fil-minuta 11.1. aktar 'il fuq, jeħtieġ jittieħdu numru ta' miżuri f'dik li hija nefqa tal-Kunsill. Fost dawn huwa ppropona li l-infieq fuq attivitajiet kulturali jonqos, bl-ewwel attivita` tkun dik li ssir fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Biex jintlaħaq dan il-għan, is-Sur J. Buttigieg issuġġerixxa li l-attivita` tal-ewwel tas-sena ma ssirx u minflokha ssir waħda li tinvolvi anqas spejjeż. Kompla jgħid li ċerti attivitajiet ma jibqgħux isiru fuq bażi annwali, kemm minħabba l-ispejjeż li jinvolvu, kif ukoll jekk ma jkunux daqshekk frekwenti u hekk in-nies japprezzawhom aktar. Għaldaqstant ikun tajjeb li jitfassal programm fuq medda ta' snin biex wieħed ikun jaf x'ġej minn qabel.

12.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li jista' jsir villaġġ tal-Milied f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li huwa iżgħar minn Misraħ il-Parroċċa, filwaqt li joffri ambjent sabiħ fil-qalba taċ-ċentru storiku u kummerċjali u mhux daqshekk espost għar-riħ. Kompla jgħid li dan jista' isir anke mingħajr l-użu ta' tinda bl-armar ta' *stands*, *kids area* u palk żgħir fejn jittellgħa programm ta' kant u mużika marbuta mal-festi tal-Milied. Is-Sur C. Bartolo issuġġerixxa li l-attivitajiet ikunu mifruxa fuq tliet ijiem, mill-Ġimgħa 18 sal-20 ta' Diċembru 2015, bejn is-7.30pm u l-10.00pm.

12.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li hija kompliet taħdem fuq iż-żewġ attivitajiet li ser jittellgħu fiż-żmien tal-Milied għat-tfal u l-anzjani li jinvolvu nefqa bbażata fuq dik tas-sena preċedenti li ma taqbiżx €2,500. Hija qalet illi l-attivita` tat-tfal li hija ppjanata li ssir fis-sala tal-iskola fid-19 ta' Diċembru 2015 fis-1.00pm, ser taħbat mal-*pasta night* organizzata mill-Kunsill Skolastiku. Għaldaqstant, jeħtieġ li ssir laqgħa mal-Kap tal-Iskola bil-għan li dawn ma jaħbtux fl-istess jum.

12.5. Is-Sindku kkummenta li ġaladarba l-Kunsill Skolastiku diġa għandu l-pjanijiet tiegħu għall-attivita` tal-Milied 2015, dawn għandhom jingħataw preferenza sakemm ma jkunx hemm qbil li jiġu ntegrati flimkien.

12.6. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li tittellgħa attivita` oħra għal tfal bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku qal li jkun aħjar jekk tfal bi bżonnijiet speċjali jintegraw ma' tfal oħra u għalhekk għandhom jiġu mistiedna jattendu l-attivita` tad-19 ta' Diċembru.

12.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għall-attivitajiet tat-tfal, l-anzjani u dawk proposti fil-minuta 12.3. aktar 'il fuq, kien hemm qbil li n-nefqa totali m'għandiex taqbeż €10,000. Dan fid-dawl tal-fatt li ser ikun hemm dħul ta' €5,000 taħt l-Iskema dwar Attivitajiet Kulturali. Għaldaqstant kien hemm qbil li sas-seduta li jmiss għandu jitfassal program, kif ukoll estimi marbuta magħha.

## 13.1. Sejħa pubblika dwar il-bejgħ ta' żewġ porzjonijiet ta' art fiż-żona Ta' Masrija (P/4/32)

13.2. Saret referenza għal Sejħiet għall-Offerti Nru. 121 u 122 li dehru fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19486 tas-16 ta' Ottubru 2015 dwar il-bejgħ ta' żewġ porzjonijiet ta' art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq Ta' Masrija u Triq in-Nases. Fl-istess avviżi ntqal li ma jiġux ikkunsidrati offerti li l-valur komplessiv tagħhom ikun inqas minn €5,000,000.

13.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona, għandhom jitressqu l-proposti segwenti lill-awtoritajiet kompetenti:

(a) Għandu jittieħed in konsiderazzjoni li l-art in kwistjoni tinsab f'post elevat fil-periferija urbana tal-lokalita` u għaldaqastant l-għoli tal-bini m'għandux ikun iktar minn tliet sulari u *semi-basement*;

(b) Il-ħruġ tal-permess mill-MEPA għandu jinkorpora fih faċilitajiet li tibbenefika minnhom il-komunita`, bħalma huma faċilitajiet sportivi *indoor*, parkeġġ taħt l-art, u *child care centre,* u librerija pubblika li joperaw bil-kunċett ta' *public private partnership* bil-għan li jiġu offruti lill-pubbliku mingħajr ħlas;

(c) Faċilitajiet ta' parkeġġ pubbliku fis-sit in kwistjoni, jista' jservi ta' *park-and-ride* abbinat mas-servizz tal-karozzi tal-linja u hekk jiġi evitat l-użu ta' vetturi privati biex wieħed imur fit-toroq ewlenin, fejn l-attivita` kummerċjali qed tikkawża konġestjoni;

(d) Jinħatar rappreżentant tal-Kunsill Lokali fuq il-Bord tal-MEPA meta jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp tal-art;

(e) Parti mid-dħul tal-Gvern mill-bejgħ tal-proprjeta` għandha tintuża sabiex tiffinanzja l-bini mill-ġdid u *resurfacing* ta' Triq il-Qortin u hekk iż-żona ta' madwarha tkun qed tibbenefika direttament mit-trasferiment tal-art; u

13.4. Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel li l-punti (a) sa (f) għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-Prim Ministru, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet u l-MEPA; id-Direttur Ġenerali tal-Artijiet; liċ-Chairman u lill-Kap Eżekuttiv tal-MEPA, lill-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura; liċ-Chairman u lill-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta.

## 14.1. Appell mis-sanzjonar ta' xogħlijiet li saru fi Sqaq Ħarruba (D/3/1/Vol V)

14.2. Is-Segretarju rrefera għall-appell li sar minn terzi persuni wara l-ħruġ mill-MEPA tal-permess PA 3337/13 illi ssanzjona l-wiċċ bil-konkos li ngħata mill-Kunsill fi Sqaq Ħarruba. Huwa qal li fit-tkomplija tas-smiegħ tal-każ mit-Tribunal ta' Reviżjoni li sar fil-6 ta' Ottubru 2015, kien hemm qbil li wara sottomissjonijiet li jsiru mill-avukati taż-żewġ naħat, it-Tribunal jiddeċiedi dwar jekk l-appellanti għandhomx jiġu kkunsidrati bħala *objectors* eliġibbli, kif ukoll tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tal-appell *per se*`. Is-smiegħ ġie differit għat-2 ta' Frar 2016.

14.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija.

## 15.1. Parteċipazzjoni fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2015 (F/5)

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li bħalma sar fi snin oħra, qed isiru t-tħejjijiet sabiex il-Kunsill jieħu sehem fl-attivita` imsemmija ser issir bejn l-4 u t-8 ta' Novembru 2015 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta. Hija kompliet tgħid li ser tkun miftuħa bejn id-9.00am u s-1.00pm, u bejn il-5.30pm u d-9.30pm. L-armar tal-i*stand* ser isir fit-2 ta' Novembru.

15.3. Il-Kunsill approva l-inizjattiva proposta.

## 16.1. Jum in-Nanniet (A/1/1/Vol II)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li fit-22 ta' Ottubru 2015 saret attivita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa msejħa "Jum in-Nanniet" li għaliha attenda s-Sur Philip Chircop li huwa l-president Għaqda Nanniet Malta li jorganizza attivitajiet li jġibu flimkien l-anzjani u t-tfal. Hija qalet li l-Kunsill ta l-kontribut tiegħu għal din l-attivita` billi nġieb il-kantant Enzo Gusman.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Sewqan perikoluż fit-triq tal-Wied ta' Rdum (T/3/2/Vol XII)

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm sewqan b'veloċita' qawwija fit-triq li tagħti mit-Telgħa ta' Żnuber għal Tal-Prajjet. Dan minkejja li kienu saru żewġ *speed humps*. Din is-sitwazzjoni qed tpoġġi fil-periklu lil kull minn jipprova joħroġ minn xi triq traversa, għar-raġuni wkoll li t-triq hija dejqa. Huwa għalhekk ippropona li jsiru aktar *speed humps* fil-post l-aktar perikolużi.

17.3. Is-Sindku qal li miżura oħra li tista' tħalli effetti pożittivi tkun li t-triq tal-Wied ta' Rdum issir *one-way* għat-telgħa. Huwa aċċenna li din il-proposta kienet saret xi snin ilu minn Transport Malta.

17.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex jitrażżan is-sewqan b'veloċita` qawwija.

**18.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss fid-19 ta' Novembru 2015 tkun lejn l-Imdina, fejn issir żjara fil-Mużew tal-Kattidral, u fil-Mużew tal-Għodod, Snajja u Tradizzjonijiet li hemm fl-istess belt. Hija qalet li l-prezz ser ikun €11.00 li jinkludi t-trasport u l-ikel.

18.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar il-Ħamis, 19 ta' Novembru 2015 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**